**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Christopher Vella**

Numru: 71/2012

Illum 12 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christopher Vella,** ta' sbatax (17)-il sena, iben Grezzju u Carmen nee' Pace, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Lulju 1994, u joqghod "Qalb ta' Marija", Triq Borg Geritu, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27394(G), akkuzat talli nhar it-2 ta' Gunju 2012, ghall-habta tal-10:00 ta' filghaxija, gewwa Pjazza Orvieto, Kercem u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza

ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joe Pierre Tabone u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rema', tefa', halla, qattar jew iddepozita' f'post li l-pubbliku ghandu access ghalih u cioe' triq pubblika, xi zibel, meta dak id-depozitu u thollija ma kinux awtorizzati bil-ligi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joe Pierre Tabone u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 41) datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat Christopher Vella biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-artikoli 338(m) u (dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-atikolu 3 tal-Att dwar Zibel u l-Iskart, Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' April 2013 (*a fol.* 83), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Dicembru 2012, u

f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tat cans lill-prosekuzzjoni, difiza u l-parte civile sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-parte civile baqghu ma pprezentawx s-sottomissjoni taghhom bil-miktub, minkejja li nghataw il-fakolta' jaghmlu hekk.

Rat illi fis-16 ta' Novembru 2015, d-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jirreferi ghal incident li sehh gewwa l-Pjazza Orvieto f'Ta' Kercem fit-2 ta' Gunju 2012 filghaxija. Jidher li dak li beda bhala battibekk bejn l-imputat u certu Joe Pierre Tabone wassal biex Tabone sofra griehi f'wiccu.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda; taw id- depozizzjoni taghhom l-imsemmi Joe Pierre Tabone, t-tliet persuni li kienu maghhom (Joseph Vella, George Vella u Justin Spiteri) kif ukoll il-Pulizija u t-Tobba li kienu involuti fil-kaz.

Illi in succinct ghalhekk dawn ix-xhieda jindikaw is- segwenti:

1. Illi ma hemmx dubbju illi l-incident kollu gie ipprovokat mill-parti leza meta qallu *"…llejla ma ndahhlekx il-Grotta* ... u kliem *… missierek minn tal-bhejjem, bin il-moghoz, ma mortx nehhejt il-hmieg tal-bhejjem …"* Minn hawn jidher illi qam argument bejniethom u spiccaw gew fl-idejn.

2. Illi l-parte leza baqa jghaddi l-kummenti u shabu l-ohra jiddiehku bl-imputat. L-imputat rega' dahal fil-parapett u rritalja billi tajjar it-tazza tad-drink tal-parte leza. Il-parte leza qam bil-wieqfa u talab bil-herra u b'rabja sabiex l-imputat igiblu drink li pero' l-imputat irrifjuta li jaghmel.

3. Illi l-parte leza qabad lill-akkuzat u hargu 'l barra fit-triq u hemmhekk beda jaghti lill-imputat, bix-xhieda jindikaw li l-parte civile kienet mal-art fuq l-akkuzat itih b'zewgt iflixken f'idejh u ixejjirhom fuq l-akkuzat. Dan jidher fir-ritratti **BS5/26 22:27:46** – imputat izomm lill-parte leza milli jtih bil-flixken; **BS5/27 22:27:50** – jidher l-parte leza b'zewgt flixken f'idejh; **BS5/21 22:27:27** – jidher il-parte leza jaqbad ghonq imputat.

4. Illi fil-mument li hareg id-demm il-glieda waqfet.

5. Illi ma jirrizultax illi l-imputat ta diversi daqqiet fuq wicc l-parte leza.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Joe Pierre Tabone)</u>**:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat jinsab addebitat bl-imputazzjoni ta' offiza gravi fuq il-persuna kontemplata fl-Artikoli 216 tal-Kodici Kriminali u dan fuq il-persuna ta' Joe Pierre Tabone.

Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghall-feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghall-komportamenti u dizappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira,

din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Carrara jiddeskrivi l-offiza gravi fuq il-persuna bhala:

> *'la lesione personale e' dolosa tastoche all'animo di nuocere all'altrui persona va congiunta o la volonta' precisa di offenderla, o la presunta previsione attuale che dall'atto incriminato fosse per risultarne la offesa alla persona'.*

Il-Gurista Manzini jiddefinixxi l-intenzjoni tal-offiza gravi bhala:

> *'Il dolo del delitto di lesione personale consiste nella volonta e' coscienza libera e nell'intenzione di colpire una persona'.*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-30 ta' Marzu 1998 jinghad li:

> "Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu."

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu ighid:

> *"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."*

imbaghad izid hekk:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the*

*gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo".*

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa ma kkagunax griehi ta' natura gravi jew griehi ohra lill-kwerelant u li l-incident sehh ghaliex il-kwerelant Joe Pierre Tabone pprovoka bi shih lill-imputat.

*Di fatti*, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-Qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".

Il-verzjoni tal-fatti moghtiha mill-imputat hija korroborata mit-tliet xhieda prodotti u cioe' Joseph Vella, George Vella u Justin Spiteri li t-tlieta xehdu li l-kwerelant beda jinsulenta lill-imputat u li fl-ebda hin ma raw lil dan tal-ahhar jigi aggredit fizikament mill-imputat jew mitfugh mal-art.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni minnha migjuba fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur il-mistrieh tan-nies)</u>:**

Illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberati minnha.

**<u>It-tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)</u>:**

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*.

Issa, kif ritenut mill-Qrati diversi drabi – ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**, 24 ta' Mejju 1996 – bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqarr minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Gie ritenut ukoll li dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew thassib.

M'hemmx dubju li dan ma jirrizultax fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Depozitu ta' zibel):**

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**